**27 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Agatha Barbara et.

**Intimidazzjoni — "Animus Consulendi" — "Peaceful Picketing' — "Trade Dispute" — Kompliċità — Xhieda — Pulizija Eżekuttiva — Libertà Provviżorja — Art. 20 u 25(1)(a) tal-Ord. IV tal-945 — Art. 358, 572 u 43(d) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ma għandux jingħata tort lill-Pulizija għaliex din tkun uriet interess fil-produzzjoni tal-provi, jew għax tkun irrikjamat l-attenzjoni tal-Qorti għal xi inċident li seta' jtellef il-libertà provviżorja konċessa lill-imputat; għax hu anzi dmir tal-Pulizija, b'liġi, li tinvestiga r-reati u tiġbor il-provi, u anki timpedixxi l-intorbidiment tagħhom.*

*Wieħed mit-testi tal-veraċità tax-xhud huwa d-diportament tiegħu fil-pedana; u għalhekk il-Qorti tal-Appell, in linea ta' massima, tagħti piż kbir lill-apprezzament li jkun għamel tal-provi l-ġudikant fl-ewwel istanza, mħabba l-fatt li dan kellu l-opportunità li jisma x-xhieda "viva voce" u josserva d-diportament tagħhom fil-pedana tax-xhieda.*

*Taħt il-liġi tagħna, l-interpretazzjoni tal-kelma "Intimidazzjoni" ma toffrix diffikultà; għar-raġuni li dan ir-reat hu definit mill-liġi stess bħala l-att ta' min jikkaġuna fil-moħħ ta' xi persuna biża' raġjonevoli ta' ħsara lilu jew lil xi ħadd tal-familja tiegħu; u hu biżżejjed li min jintimidixxi jdaħħal fil-moħħ tal-intimidit l-apprensjoni ta' perikolu jew ta' dannu jekk ma jagħmelx dak li jkun qiegħed jgħidlu biex jagħmel min ikun qiegħed jintimidieh.*

*Anki jekk insegwitu l-intimidit jagħmel dak li min intimidieh qallu biex ma jagħmelx, dan ma jbiddelx il-pożizzjoni; għax ir-reat, ossija l-intimidazzjoni, jikkonsisti filli wieħed jikkaġuna l-apprensjoni tad-dannu, u mhux fl-effikaċja tal-intimidazzjoni; u avvolja l-effett tal-intimidazzjoni ma*

*javverax ruhu, ir-reat kien ġa konsumat, għax mhux neċessarju li min jintimidixxi jkun irraġġunġa l-iskop tiegħu.*

*Kwalunkwe minaċċja tista' komodament, f'ċertu sens, tiġi msejħa parir; fis-sens li, jekk il-minaċċjat jagħmel jew ma jagħmelx dak li jiġi lilu ordnat jew interdett, allura ma jsofrix dannu; imma dan ma hux riljev, f'akkuża ta' intimidazzjoni, li jista' jappella ruħu għall-bon sens u għall-liġi. Jiddependi miċ-ċirkustanzi konkomitanti jekk il-kliem tal-imputat jistgħux jiġu interpretati bħala l-għoti ta' parir kif fil-ħajja ta' kulljum wieħed jifhem x'inhu parir amikevoli, jew jiġux interpretati bħala li ntqalu fl-eżerċizzju ta' "peaceful picketing".*

*Id-difiża ta' "peaceful picketing", "ut sic", proprjament hi limitata għall-każ ta' "trade dispute"; imma meta, trattandosi ta' "strike", l-attijiet ikunu leċiti per sè, ma jammontawx għal reat, mentri, jekk huma illeċiti, jikkostitwixxu reat anki jekk ikunu saru in konnessjoni ma' "strike" fuq "trade dispute"; u l-liġi maltija, fejn tittratta fuq "peaceful picketing", appuntu tipprojbieh jekk isir, "inter alia", b'mod li jkun kalkulat biex jintimidixxi. U għalhekk, meta l-attijiet ikunu illeċiti legalment, ma hemmx bżonn li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni jekk li "strike" sarx fuq "trade dispute" biex tgħid jekk kienx każ ta' "picketing".*

*U fl-apprezzament tal-fatti nkriminati, il-minaċċja formanti l-materja tal-intimidazzjoni ma hemmx bżonn li tkun tabilfors verbali, imma tista' anki tirriżulta mill-atteġġjament tal-imputat; tista' tkun anki impliċita.*

*Xhud jista' jkollu xi lanjanza kontra l-imputat li fil-kawża tiegħu huwa jiġi miġjub bħala xhud; imma dan ma jfissérx illi, għax għandu dik il-lanjanza, allura bil-fors jixhed il-falz biex jippreġudika lill-imputat; iżda jista' jfisser biss illi, jekk forsi mingħajr dik il-lanjanza ma kienx jitkellem u kien jgħatti l-fatt, minħabba fiha hu jiddeċidi li jitkellem u jgħid dak li fil-fatt ikun ġara. U huwa assurd li wieħed jippretendi li x-xhieda kollha jagħmlu speċi ta' konġura biex jixhdu l-falz kontra l-imputat, jekk ma jkun hemm ebda ċirkustanza li turi dan. Jekk dawn ix-xhieda ma jkunux qablu f'xi ċirkustanza, dan ma jfissérx li huma xehdu*

*l-falz; il-fatt li huma ma jaqblux f'xi ċirkustanzi li huma "adminicula" ma ifisserx li ma għandhomx jiġu emmnuti, la jkunu qablu f'dak li hu sostanzjali għall-prova tar-reat; u forsi kien ikun aktar materja ta' suspett kieku huma kienu, kif jingħad, qampiena waħda.*

*Għall-kompliċità hemm bżonn tal-element intenzjonali; iżda hu rikonoxxut illi din l-intenzjoni tista' titwieled dak il-ħin stess li jiġru l-avvenimenti. Huwa veru wkoll li ma tingħatax kompliċità negattiva, jiġifieri li ma jkunx kompliċi dak li jkun sempliċement u materjalment preżenti għall-kommissjoni ta' reat u ma jagħmel xejn biex jimpedieh; imma jekk iċ-ċirkustanzi juru li l-preżenza tiegħu ma kienetx sempliċement materjali, u li dik il-preżenza kienet akkompanjata minn attijiet li rrendew possibbli l-kommissjoni tar-reat, allura hemm il-kompliċità. U tabilħaqq, il-liġi tikkunsidra bħala kompliċi lil min, fost każi oħra, b'xi mod li jkun, xjentement jgħin jew jassisti l-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew konsumat; imma għas-soluzzjoni tal-punt jekk tirrikorrix din il-forma ta' kompliċità, għandu jinżamm preżenti l-prinċipju illi ma hux meħtieġ li jiġi pruvat li kien hemm xi prekonċert formali u preliminari bejn l-eżekuturi tal-fatt delittuż u l-kompliċi, minn dejjem segwit fis-sistema legali malti, u l-prinċipju l-ieħor illi l-fatt li żewġ persuni jew aktar ikunu qegħdin jaġixxu flimkien u in komun għall-eżekuzzjoni ta' skop apparentement kriminali hu ħaġa li tiġi argumentata, u tista' tirriżulta mill-attijiet singoli ta' dawk il-persuni; anzi rarament jissuċċiedi illi l-fatt attwali tal-kumpannija jista' jiġi pruvat b'xhieda diretti, billi ftehim simili użwalment isir bil-ħeffa u segretezza; u għalhekk issir neċessarja l-prova indizjarja.*

*Il-fatt li l-imputat ta' kompliċità ma qalx kliem ta' intimidazzjoni ma hux rilevanti; għaliex hu ammess fil-ġurisprudenza, segwita mill-Qrati ta' Malta, illi anki s-sempliċi preżenza, meta ma hix dik ta' wieħed li jkun qiegħed biss iħares bl-indifferenza, tista' tammonta għal-kompliċità, meta tkun b'xi mod iffaċilitat ir-reat jew intimidiet is-suġġett passiv, jew b'xi mod ieħor kienet effikaċi. Xejn ma jimporta illi l-preżenza tal-kompliċi kienet att negattiv; għax għalkemm ma hix ammessa l-kompliċità negattiva, hi però ammessa*

*mill-Qrati l-kompliċità per mezz ta' atti negattivi, billi al-lura l-kompliċi ma jkunx sempliċi spettatur indifferenti.*

*L-argument illi l-kompliċi, anki kieku seta' jiddiżapprova l-aġir kriminuż, ma seta' jagħmel xejn, ma jikkonvinċix. Huwa apprezzabbli li l-inazzjoni weħedha ma hix per se kompliċità; imma huwa wkoll apprezzabbli illi, meta dik l-inazzjoni titqies fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tista' tkun indizju qawwi ta' parteċipazzjoni fi skop komuni. U tabilħaqq, il-fatt li persuna kienet volontarjament preżenti u rat reat jiġi kommess, u ma opponietx ruħha għall-kommissjoni tiegħu, meta kien raġjonevolment mistenni li hija timpedieh, u setgħet timpedieh, jew almenu ma esprimietx id-diżapprovazzjoni tagħha, jista' f'ċerti ċirkustanzi iservi ta' prova qawwija li volontarjament inkoraġġiet, u hekk għenet u ffaċilitat il-kommissjoni tar-reat.*

*Anki jekk il-kompliċi talvolta jkun qal, wara, xi kliem li jista' jiġi nterpretat bħala disazzjoċjament mar-reat ta' intimidazzjoni, dan ma jiswa xejn lill-imputat, ladarba r-reat ta' kompliċità f'dak ta' intimidazzjoni kien ġa konsumat.*

*Il-Qorti tista', fl-applikazzjoni ta' piena ta' restrizzjoni tal-libertà personali, tordna illi fl-espjazzjoni tal-piena jiġi komputat il-perijodu li fih l-imputat dam arrestat. Jekk dan il-komputu jkun sar fis-sentenza tal-Maġistrati, u l-imputat, meta ġie arrestat mill-ġdid wara s-sentenza tal-Maġistrat, ottjena l-libertà provviżorja tiegħu, ma hux il-każ li jkun hemm ordni ta' komputu ieħor fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tikkonferma l-ewwel sentenza; għax il-perijodu ta' karċerazzjoni provviżorja ma jistgħax jitnaqqas darbtejn.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imsemmija Barbara, Dr. Hyzler u Pullicino, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fit-28 ta' April 1958, f'Malta, fi bnadijiet diversi, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, bil-ħsieb li jġieghlu lil persuni oħra li ma jagħmlux dak li huma kellhom il-jedd li jagħmlu, (a) beżżgħu u ntimidew lil dawk in-nies; (b) bla ma qatgħu, baqgħu jsusu warajhom minn imkien għall-ieħor; (c) għassew fejn dawn in-nies kienu jinsabu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat 13 ta' Ġunju 1958, li biha sabet lill-imputati Barbara u Pullicino ħatjin bħala awturi, u lill-imputat Dr. Hyzler ħati bħala kompliċi firreat, talli fit-28 ta' April 1958, f'Ħaż-Żabbar, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, bil-ħsieb li jġiegħlu l-persuni oħra ma jagħmlux dak li huma kellhom id-dritt li jagħmlu, u ċjoè li jmorru għax-xogħol, beżżgħu u ntimidew lil dawn innies; u wara li rat l-art. 24(a) tal-Ord. IV tal-1945, u l-art. 43 (d) tal-Kodiċi Kriminali, u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-perijodu li l-imputati għamlu arrestati, ikkundannat lill-imputati Barbara u Dr. Hyzler għall-priġunerija għal żmien tnejn u tletin (32) ġurnata, u lill-imputat Pullicino għall-priġunerija għal żmien għoxrin (20) ġurnata; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, dwar l-imputati Barbara u Pullicino, salv id-diskors li huma rrivolġew lill-impjegati tal-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, il-fatti mhumiex kontestati. Meta l-karrozza li kienet misjuqa mill-imputat Dr. Hyzler waqfet ħdejn ilvan li fiha kien hemm dawk l-impjegati, dawn iż-żewġ imputati, li kienu rekbin ma' Dr. Hyzler, irrivolġew lil dawk in-nies li kienu sejrin għax-xogħol dik il-ġurnata ta' li strike, il-kliem li fuqhom il-Qorti sejra tikkommenta;

L-imputata Barbara xehdet illi, meta waqfet il-karrozza, Bonello qam ikellimha u ġie ħdejn it-tieqa tal-karrozza fejn kienet qegħedha, u staqsietu kienx sejjer għax-xogħol meta kien jaf li kien hemm strike. Bonello rrisponda li kien "established"; u meta hija spjegatlu li ma kienx "established", qaltlu li kien jista' ma jmurx għax-xogħol; u meta dan qallha li għalieh kien aħjar li ma jmurx, qaltlu biex ma jmurx għax-xogħol; żiedet tgħidlu li d'altronde jagħmel li jrid, biss, jekk imur, ma jgħaddux mir-Raħal Ġdid, għax kienet semgħet li kien hemm l-inkwiet, u jistgħa jaqilbuhom. Ċaħdet li kienet kellmet lil ħadd ieħor, u li qalet ilkliem li qalu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni. B'dan il-kliem hi qalet li riedet tagħtihom parir, għax meta kienet Bormla semgħet li r-Raħal il-Ġdid kienu għamlu xi ħsara lil xi karrozzi;

Carmen Camilleri xehdet li, meta waqfet il-karrozza, l-imputata Barbara niżżlet il-ħġieġa fejn kienet riekba u

staqsiethom fejn kienu sejrin; u meta rrispondewha li kienu "nurses" u kienu sejrin *il-Manikomju*, qaltilhom biex jinżlu hemm u ma jmorrux l-Isptar imma jmorru d-dar bil-mixi; u meta Camilleri rrispondietha li kellha tnejn magħha li kienu mill-Qrendi, Barbara qaltilha "tmorrux, għax kif taslu r-Raħal Ġdid ngħid lil tad-dimostrazzjoni biex jaqilbukom bil-karrozza";

Emmanuela Farrnugia xehdet illi Barbara staqsiethom fejn sejrin, u, meta qalulha, hija qaltilhom biex jinżlu hemm u jimxu lejn id-dar; u meta Camilleri niżlet biex *tgħidilha li kien hemm tnejn mi'l-Qrendi*, Barbara qaltilhom li jekk jidħlu r-Raħal Ġdid tgħid lil tad-dimostrazzjoni jaqilbuhom;

Tessie Cutajar xehdet li Carmen Camilleri kienet qegħdha titkellem ma' xi ħadd fil-karrozza, u meta qalulha biex jinżlu hemm hija skonċertat ruħha;

Paolo Mifsud, id-driver tal-van, xehed li, meta waqfet il-karrozza, mara minn ġewwa l-karrozza — u l-unika mara *li kien hemm* fiha, kif jammettu l-imputati, kienet l-imputata Barbara — qaltilhom:— "Ma tafux li ma tistgħux taħdmu?"; u li xi ħadd fil-karrozza qal:— "Ħalli mmorru r-Raħal Ġdid ngħidulhom jaqilbukom-" Hu beża', u lanqas ta każ jekk dik il-vuċi kienetx ta' mara jew ta' raġel;

Joseph Bonello xehed li hu niżel mill-van u mar ikellem lill-imputata Barbara u, wara li fuq mistoqsija tagħha qalilha li kien sejjer għax-xogħol, hija qaltlu:— "Mela inti sejjer taħdem il-lum, Ġuż?"; u wara li qalilha li għalieh ma kienx hemm strike, u rikeb fil-van, Barbara qalet:— "Suq għar-Raħal Ġdid, *ħalli jaqilbukom hemm.*" Huwa ppremetta li kien skonċertat ħalli jara biex sejjer imur għax-xogħol;

Francis James xehed li sama' lill-imputata Barbara tgħid biex il-lum ma jmorrux għax-xogħol għax strike, u li, meta reġà tela' fil-van, xi ħadd mill-karrozza qal:— "Ir-Raħal il-Ġdid jaqilbuhom"; jew "Ir-Raħal Ġdid ngħidulhom jaqilbukom";

Illi, meta wieħed jeżamina dawn id-depożizzjonijiet,

l-ewwel ħaġa li tolqtu f'dik tal-imputata hija li, meta, skond ma tgħid hija, tat parir lil Bonello biex jekk imorru għax-xogħol ma jgħaddux minn Paola fost il-konsegwenzi li setgħu jiġru semmiet dik li jaqilbuhom — kelma li semgħuha x-xhieda kollha. Huwa sintomatiku wkoll illi l-istess Bonello, li, kif qalet Barbara, kien qiegħed jitkellem magħha b'rasu kważi ġewwa l-karrozza, ma semgħax lil Barbara tgħidlu li jekk riedu setgħu jmorru għax-xogħol, imma għas-siġurtà tagħhom ma jgħaddux minn Paola. Ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni sostanzjalment jaqblu f'dak li qaltilhom l-imputata; u dak il-kliem kien jammonta biex ma jmorrux għax-xogħol, għax meta jaslu Paola jaqilbuhom. Dak il-kliem, rettament inkwadrat f'dak li kien qiegħed jiġri, jammonta għal intimidazzjoni, u mhux għal sempliċi parir, kif kellha okkażjoni tiddeċidi reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali. Infatti, l-Ord. IV tal-1945, fl-art. 20, tiddefinixxi l-intimidazzjoni bħala "to cause in the mind of a person a reasonable apprehension of injury ... or of violence or damage to any person or property". Issa, dak il-kliem, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u ġejjin minn persuna li sa ftit ġranet qabel kienet tokkupa l-kariga ta' ministru, u li hija magħrufa bħala membru attiv tal-partit li minħabba r-riżenja tiegħu kien ġie indett li strike, ma setgħux ma jikkawżawx f'moħħ l-impjegati li lilhom kien rivolt, apprensjoni serja li, jekk ikomplu sejrin għax-xogħol, kien jista' jiġrilhom dannu. Ma hemmx bżonn, f'din il-materja, li l-awturi tal-eventwali dannu jkunu persuni li jkunu qegħdin jintimidixxu, imma hu biżżejjed għarreat li min jintimidixxi jdaħħal fil-moħħ tal-intimidit il-possibbiltà tal-perikolu tad-dannu jekk ma jagħmelx dak li jkun qiegħed jgħidlu min jintimidixxi. Il-fatt li dawk l-impjegati, wara, marru għax-xogħol ma jbiddelx il-pożizzjoni; għaliex l-intimidazzjoni tikkonsisti fl-apprensjoni tad-dannu, u mhux fl-effikaċja tal-intimidazzjoni (cfr Citrine, "Trade Union Law", p. 401);

Kwantu għall-imputat Pullicino, dan xehed illi meta l-karrozza waqfet ħdejn il-van, niżlet mil-van xebba (li preżumibbilment kellha tkun Carmen Camilleri), u huwa niżel mill-karrozza. Camilleri staqsietu x'kienu jridu, u huwa

qallha "ma tafux li l-lum strike?"; u meta din irrispondiet li kienu ordnati għax-xogħol, huwa qallha:— "Biss tgħaddux mir-Raħal Ġdid, għax jistgħu jaqilbukom". Żied ukoll jgħidilha, għad-domanda tagħha minn fejn kienu sejrin jgħaddu, li setgħu jgħaddu minn fejn iridu; u qalilha li hu kien impjegat l-Isptar Saint Luke. Innega li kien mar mal-van, iżda qal li kellem lil Camilleri quddiem il-van. Żied jgħid li, għalkemm fost dawk li kienu fil-karrozza kien iħossu l-anqas wieħed, u kien mistħi, niżel ikellem huwa lil Camilleri mingħajr ma qallu ħadd. Qal ukoll li lil Dr. *Hyzler ma kienx jafu, u lill-imputata Barbara kien dak* inhar li kellimha l-ewwel darba. Qal ukoll li ma semgħax jekk Barbara qaletx xi ħaġa, u ma tax każ jekk Bonello kellimx lil Barbara;

Paolo Mifsud xehed illi r-raġel li kien ma' Dr. Hyzler, (li preżumibbilment kellu jkun Pullicino) ġie jċekċek mal-ħġieġ tal-van, u qal *lil min kien* ġewwa l-van "inthom ma tafux li ma tistgħux taħdmu?";

Carmen Camilleri xehdet li, wara li l-imputata Barbara kienet qaltilhom li kif jaslu r-Raħal Ġdid tgħidilhom biex jaqilbuhom, niżel mill-car l-imputat Pullicino u qalilhom: — "Smajtu x'qaltilkom Miss Barbara, *li kif taslu r-Raħal* Ġdid jaqilbukom?" Fl-aċċess Camilleri xehdet li Pullicino dar u mar ħdejn il-ħġieġa tal-van;

Emmanuela Farrugia xehdet illi, meta ħarset lura u rat il-karrozza ta' Dr. Hyzler warajhom, rat lil Pullicino jagħmlilhom sinjal biex jieqfu b'idu. Meta waqfet il-karrozza ħdejn il-van u niżlet Carmen Camilleri, Pullicino niżel mill-karrozza u qalilhom:— "Smajtu x'qaltilkom Miss Barbara li kif taslu r-Raħal Ġdid tgħid lid-dimostrazzjoni jaqilbukom?"; u dak il-ħin hija ħassa ħażin;

Tessie Cutajar xehdet li Pullicino niżel mill-karrozza u *staqsihom fejn kienu sejrin;* qalilhom biex *jinżlu hemm* u jmorru bil-mixi; u meta hija qaltlu li ma kienetx tinżel għax ma tafx il-post, Pullicino qalilhom li, jekk jibqgħu sejrin ir-Raħal Ġdid, jaqilbuhom. Qalet ukoll li Pullicino kien mar ħdejn il-van iċekċek mal-ħġieġa tal-van;

Joseph Bonello xehed illi, meta l-karrozza kienet issegwihom, ra lil xi ħadd mill-karrozza jagħmilhom is-sinjal biex jieqfu, u huwa stess qal lil sħabu biex, una volta li kien hemm Agata Barbara, jieqfu. Dwar Pullicino dan ix-xhud ma semma xejn aktar; anzi waqt l-aċċess xehed li, safejn jaf hu, ma niżel ħadd mill-karrozza. Huwa qal li niżel ikellem lil Barbara, u ma hux inverosimili li ma tax każ ta' avvenimenti oħra;

Francis James xehed li waqt li l-karrozza kienet miexja warajhom, xi ħadd ġo fiha xejjer idu, u huwa fehem li kien qiegħed iwaqqafhom; meta waqfet il-karrozza, Pullicino niżel u mar mas-side tal-van, u qalilhom "Inżlu minn hemm għax naqilbukom". Fuq dan il-kliem huwa niżel u sfida lil Pullicino li jaqlibhom;

Illi minn dawn id-depożizzjonijiet jirriżulta soddisfaċentement illi dan l-imputat irribadixxa dak li kienet qalet l-imputata Barbara, u l-attività u l-kliem tiegħu jikkonkretaw ir-reat ta' intimidazzjoni; sija għaliex jidher li kien qiegħed jaġixxi "in furtherance of a common design" mal-imputata Barbara sija għaliex il-kliem li qal, anki per sè, jikkostitwixxu intimidazzjoni;

Illi d-difiża ssottomettiet illi s-sitt xhieda tal-Prosekuzzjoni ma għandhomx jiġu emmnuti, għax interessati. Hekk, kontra Camilleri pproduċiet bħala xhud lill-Kapural Dalton, biex jiskreditaha; però dan ix-xhud skredita lilu nnifsu, u mhux lil Camilleri. Infatti, irriżulta li r-rapport li din Camilleri kienet għamlet kontra tiegħu kien fondat: u konfrontat mal-Ispettur Magri ma setgħax jinnega li l-fatti dwar ir-rapport kienu diversament milli xehed hu. Ġie wkoll prodott Elia Borg, li qal li xi tmien tijiem wara li strike Carmen Camilleri qaltlu "xi trouble, aktarx immorru nixhdu; jekk nixhed inqagħbarhom, ħalli npatti lil dak li għamlu lill-missieri". Camilleri nnegat li qalet dak il-kliem. Dan Borg qal li huwa ħabib ta' missier Camilleri, u ġie li bagħat iselli għalih magħha: barra minn dan, ma jirriżultax li kien hemm ħbiberija bejniethom, biex Camilleri tikkonfida kliem bħal dawk lil Borg. Inoltre, l-espressjoni li dan Borg poġġa f'ħalq Camilleri għandha kontradizzjoni fiha nnfisha; għaliex min hu animat minn spiritu ta'

vendetta mhux naturali li juża l-espressjoni "xi trouble", li juru li din ix-xhieda kienet ta' nkwiet lil Camilleri meta jasal il-mument li tivvendika ruħha;

Kontra Bonello ġie allegat li dan kien igerger għax talab transfer u ma otteniehx, u li James esprima xi xewqa li aħjar jitilgħu n-nazzjonalisti. Dawn il-fatti mhumiex biżżejjed biex jiskwotu l-kredibbilità tax-xhud, u mhux preżumibbli li dawn is-sitt xhieda, in difett ta' provi konkreti, li fis-sustanza qablu fuq il-fatti, riedu jagħmlu konġura kontra l-imputati u jixhdu l-falz kontra tagħhom. Di pjù, il-komportament ta' dawn ix-xhieda fil-pedana kien tutt' altro minn ostili għall-imputati;

Illi, kwantu għall-imputat Dr. Hyzler, irriżulta illi huwa kien qiegħed isuq il-karrozza li fiha kienu wkoll iż-żewġ imputati l-oħra, waqaf ħdejn il-van, u mill-van niżel Pullicino u tkellmet Barbara; jirriżulta li huwa ma rrivolġa ebda diskors lil dawk l-impjegati. Il-Prosekuzzjoni tallega illi dan l-imputat għen liż-żewġ imputati l-oħra fl-intimidazzjoni, u li kien jaġixxi magħhom "in furtherance of a common intent". Hu fatt illi, meta dan l-imputat waqqaf il-karrozza ħdejn il-van, huwa materjalment għen u rrenda possibbli, jew almenu aktar aġevoli, l-attività delittuża taż-żewġ imputati l-oħra; iżda għall-kompliċità hemm bżonn anki l-element intenzjonali; u għalhekk il-"crux" tal-kwistjoni hija jekk mill-proċess jirriżultawx elementi biżżejjed biex tiġi nferita din l-intenzjoni. Huwa, però, prinċipju rikonoxxut illi dan il-konċett u din l-intenzjoni tista' titwieled dak il-ħin stess li jiġru l-avvenimenti;

Dr. Hyzler xehed illi fis-7.30 a.m., tat-28 ta' April 1958, kien Bormla u ġiet fuqu l-imputata Barbara, u staqsietu kienx għal Belt u talbitu jsegwiha Ħaż-Żabbar biex tħalli l-karrozza tagħha u wara tidħol miegħu l-Belt. Dak il-ħin, wieħed li ma jafux b'xejn, u lanqas jgħarfu, talbu biex jiġi miegħu. Mar Ħaż-Żabbar wara Barbara; din ipparkjat il-karrozza, u akkompanjata mill-imputat Pullicino, li sa dak inhar ma kien jaf b'xejn, daħlu fil-karrozza tiegħu, u telqu għall-Belt. Qal li, peress li kien sama' li r-Raħal Ġdid kien hemm l-inkwiet, ried jevitaħ, għax beżgħa minn xi danni lill-karrozza, li ma kienetx tiegħu, u għalhekk id-

deċieda li jgħaddi minn Bormla; u meta kien sejjer jispiċċa Main Road, Barbara ndunat li kienet ġiebet magħha ċ-ċwievet tal-karrozza li kellha, u għalhekk, minflok baqa' sejjer Bormla, kiser fuq ix-xellug għal Labour Road biex jerġa lura Ħaż-Żabbar. Meta kien għamel xi għoxrin jarda f'Labour Road, ra van quddiemu, li ma ta ebda każ tagħha; wara ftit ra li l-van kienet qegħedha tirrallenta, u d-driver għamel sinjal li sejjer jieqaf. Huwa qala' dan il-van u kien sejjer jikser għal Ħaż-Żabbar; u meta nduna li l-van, li kienet wieqfa ħdejn il-pole tal-elettriku (indikata fil-pjanti) kienet tal-Medical & Health Department, waqqaf. Qabel kien induna li fil-van kien hemm xi tfajliet u qamu u bdew iħarsu lura. Meta waqaf beda jħares, biex jara kif kienet qegħedha tiġi użata dik il-van, jekk kienetx qegħedha tiġi użata mill-Pulizija. Sadattant, Bonello qal xi ħaġa u ra lil Camilleri nieżla mil-van, u ħareġ Pullicino jkellimha. Bonello mar ikellem lil Barbara, u qalilha:— "Sejrin għax-xogħol, għax lilna ma qalulniex jekk nidħlux". Barbara staqsietu kienx "established", u Bonello rrispondiha affermattivament; u ma segwiex aktar id-diskors, għax malli ra li kienu mpjegati tal-M. & H. Department, ma ħax aktar interess speċjali;

Meta għaddew xi minuta jew minuta u nofs tad-diskors bejn Bonello u Barbara, huwa qal lil Barbara "imxi mmorru, inħalluhom"; u sejjaħ lil Pullicino biex jitilqu. Huwa ma qabbadx il-makna immedjatament, u qal lil min kellu fil-karrozza "ħalluhom jitilqu, ma nerġgħux niltaqgħu magħhom", u dan biex ma jagħtix l-impressjoni li qiegħed isegwihom. Daħal Ħaż-Żabbar, u sab il-van wieqfa bejn il-Knisja u l-Għassa, daqq il-horn, u marru xi nies, u qalilhom biex jitilquhom għax kienu tal-Isptar, u qalilhom biex jiftħu ħalli jgħaddi. Waqaf ħdejn il-Madonna; Barbara niżlet tagħti ċ-ċwievet, u reġa' telaq għal Bormla. Qal li Bormla kien wasal f'xi l-5.45 jew is-6 a.m., u baqa' hemm sakemm daħal il-Belt fit-8.30 a.m., u li kien ħareġ kmieni ħalli jara r-reazzjoni tal-publiku għal li strike. Żied jgħid li, meta ra l-van, kien waqaf istintivament, ma jistgħax jgħid għaliex. Spjega wkoll li, meta qala' l-van f'Labour Road, kien ħareġ ħafna fuq il-lemin biex, jekk il-van kien jieqaf f'nofs it-trieq, ikollu post biex idur għal Żabbar.

Xehed ukoll li huwa dejjem, meta jieqaf b'karrozza, iżomm il-brake mingħajr ma jisklaċċja, u għalhekk jitfi l-makna;

In segwitu, dan l-imputat reġa' xehed, u qal li kien mar Bormla fis-6 a.m., għaliex lejliet kien irċieva telefonata minn għand il-perit Mintoff; u ta dettalji tal-movimenti tiegħu minn dak il-mument sakemm segwa lill-imputata Barbara Ħaż-Żabbar. Qal li f'xi s-7.30 a.m. ġie l-perit Mintoff Bormla, staqsieh kif sejrin l-affarijiet, u qallu li jerġgħu jiltaqgħu hemm f'xi l-10.30 a.m.;

Fit-tielet depożizzjoni li ta Dr. Hyzler, wara li kien xehed Romeo Borg, qal li kien jaf li ta lift lil Romeo Borg minn Bormla għall-Belt, imma sakemm xehed dan Borg kien nesa kompletament dan il-fatt;

Illi l-Prosekuzzjoni tissottometti li Dr. Hyzler kien fil-*kumpannija taż-żewġ imputati l-oħra qabel l-inċident tal*-van, is-suq tal-Belt, u pproduċiet diversi Pulizija li qalu li kienu raw lil Dr. Hyzler jidħol fis-suq bejn is-6.30 a.m. u s-7 a.m. Din l-allegazzjoni ma ġietx pruvata soddisfaċentement. Infatti, mill-konfront ta' dawn ix-xhieda jirriżulta illi dawn il-Pulizija raw lil Dr. Hyzler jidħol is-suq darba biss, u, kieku daħal aktar minn darba, ma hux preżumibbli li ma kienux jarawh. Jidher ukoll li meta Dr. Hyzler daħal is-suq, fil-karrozza wara kien hemm tlieta minn nies, u t-terza persuna kienet Romeo Borg; u mix-xhieda ta' Romeo Borg u Dimitri Schirò jirriżulta li dak il-ħin kien viċin tat-8 a.m., u mhux qabel is-7 a.m., u għalhekk wara l-inċident tal-van;

Illi, meta wieħed jeżamina akkuratament il-fatti kif ġraw u d-depożizzjoni tal-imputat Dr. Hyzler, isib illi hemm diversi diskrepanzi u inkongruwenzi. Infatti, fl-ewwel lok Dr. Hyzler qal li kien mar insolitament kmieni Bormla biex jara r-reazzjoni tal-publiku għal li strike, u kien aktar tard li semma t-telefonata tal-perit Mintoff li ried jaraħ fis-sitta. Intant ma nġiebetx l-aħjar prova li verament il-perit Mintoff ried jaraħ li kienet tkun id-depożizzjoni tal-perit Mintoff stess. Inoltre, mhux tant verosimili illi, jekk verament il-perit Mintoff kien avżaħ minn lejliet li ried jaraħ fis-sitta, dan ma kienx ikun hemm dak il-ħin, u ma

jistennieħx sal-ħin li kien iffissalu, jekk huwa veru dak li xehed Pisani Rossi, li l-perit Mintoff kien il-Labour Party Club fil-5.45 a.m., u qal lil dan ix-xhud li jekk jara lil Dr. Hyzler jgħidlu li sas-7 kien jirritorna u jistennieħ. Lanqas hu naturali li l-perit Mintoff iċempel lil Dr. Hyzler li ried jaraħ fis-sitta, jibgħat jgħidlu biex jistennieħ sas-sebgħa, u jħallieh jistenna sas-7.30, biex mbgħad jgħidlu sempliċement kienx kollox sewwa, u li jerġgħu jiltaqgħu f'xi l-10.30. Fil-fatt lanqas semma Dr. Hyzler li dak il-ħin kien reġa ltaqa' mal-perit Mintoff kif miftiehem; u f'xi d-9.15 Antonio Magro raħ sejjer lejn Ħal-Qormi;

Inkongruwenza oħra tidher fil-motiv li għalieh Dr. Hyzler qal li biex imur minn Ħaż-Żabbar għadda minn Bormla, minn fejn kien għadu kemm ġej. Huwa qal li ried jevita r-Raħal Ġdid biex jevita xi dannu lill-karrozza. Appar-ti illi din l-apprensjoni ma setgħetx kienet fondata, għaliex mhux preżumibbli illi l-karrozza fejn huwa kien akkompanjat mill-imputata Barbara kellha ssib xi ostilità minn nies li kienu qegħedin jippruvaw jinforzaw strike indett appuntu bħala att ta' solidarjetà magħhom, sta di fatto illi, skond id-depożizzjoni ta' Romeo Borg, li żgur mhux xhud ostili għall-imputati, Dr. Hyzler għadda mhux biss mir-Raħal Ġdid, li skond ma qal ried jevita, imma għamel il-perkors kollu tal-Pjazza tar-Raħal Ġdid, għax segwa r-rotta tal-buses tal-linja; u għalhekk din ir-raġuni allegata minnu tisfuma;

Inoltre, ma jistgħax wieħed jifhem kif Dr. Hyzler kellu jiftakar, kif ftakru l-imputati l-oħra, li minn Bormla għal Żabbar kien ta lift lil persuna totalment skonoxxuta għalihom, u li ħadd minnhom ma kien fi stat li jagħraf, non ostante li dam magħhom il-perkors kollu Bormla-Żabbar-Bormla-Belt, u jinsa kompletament li kien ta lift lil Romeo Borg, bniedem ben konoxxut minnu bħala Chief Messenger fl-uffiċċju tal-Prim Ministru. Intant, din il-kwarta persuna, li suppost kienet riekba ħdejn Dr. Hyzler waqt l-inċident, ma raha ħadd mix-xhieda, u lanqas induna biha Romeo Borg li wara rikeb magħhom, u lanqas in-nies li raw il-karrozza ħdejn is-suq tal-Belt, imma rawħ biss ix-xhieda tad-difiża;

Anki r-raġuni l-għala, meta minn Żabbar kien sejjer għal Bormla huwa reġa' dar minn Labour Road għal Żabbar, u ċjoè dik taċ-ċwievet tal-car tal-imputata Barbara, mhix nieqsa minn ċertu grad ta' suspett Infatti Barbara, kif xehdet, kellha tħalli l-karrozza Ħaż-Żabbar biex jeħodha sidha Pisani. Intant hija tat iċ-ċwievet lil Joseph Cassar, u qaltlu biex jagħtihom "lil Ġużi", u dan, non ostanti li kien jaf li l-karrozza kienet ta' Joseph Pisani, tahom lil Joseph Camilleri, dan ħadhom mingħajr lanqas staqsa spjegazzjoni, u mingħajr ħadd ma qallu; u mingħajr ma fehem li Barbara rieditu jieħu l-car lil Pisani, ħa l-karrozza lil Joseph Pisani. Dan ix-xhud qal li ltaqa' ma' Camilleri ġej bil-car ħdejn l-Istitut Ħaż-Żabbar, mentri Camilleri qal li ltaqa' miegħu fit-Trieq tal-Liedna, f'nofs it-Trieq Żabbar-Paola. Wara diversi seduti, Pisani qal li huwa bl-Istitut ried jifhem l-iskola tas-Sorijiet li hemm Pawla, u li kien minn għalieh — bniedem li joqgħod Pawla — li dak kien l-Istitut. Però jidher ċar li din l-ispjegazzjoni mhix ġenwina; u anki kieku kienet, id-diskrepanza kienet tibqa' dejjem, għaliex bejn l-iskola tas-Sorijiet ta' Paola u nofs it-Trieq tal-Liedna bejn Żabbar u Paola hemm distanza rilevantissima. Barra minn dan, Pisani xehed illi l-karrozza kellha ħoss fli "steering", tant li huwa ma kienx mar għax-xogħol biha minħabba dan il-ħoss, mentri tant Camilleri, li kien saqha immedjatament qabel, u tant l-imputata Barbara, li kienet għandha minn lejliet, qalu li l-karrozza ma kellha ebda ħoss fli "steering". Di pjù, Pisani l-ewwel qal li kien ta l-karrozza lil Barbara l-ġurnata ta' qabel li strike, fil-għodu, u mbgħad qal li tahielha f'xi s-7 p.m. Inoltre, Barbara xehdet li ma kienetx taf jekk Pisani kienx irċieva ċ-ċwievet, mentri Pisani qal li hu kien qal lil Barbara li l-karrozza kien tahielu Camilleri. Huwa ta' min jinnota wkoll illi Francis James kien ra l-karrozza ta' Dr. Hyzler warajhom minn ħdejn il-Madonna, ħdejn l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, u għalhekk Main Street ko'lha;

Inoltre, meta wieħed jeżamina attentament l-attività ta' Dr. Hyzler qrib l-inċident, jasal għall-konklużjoni li din ma kienetx preċiżament kif spjegaha l-imputat. Infatti, meta huwa kien miexi wara l-van, qal li fiha kien hemm xi tfajliet, u għalhekk minn dak i'-mument huwa kien jaf li fiha ma kienx hemm la Pulizija u lanqas Commandos, u

għalhekk ma kellux neċessità li jieqaf biex jivverifika dan il-fatt. Aktar tard spjega li kien waqaf istintivament, u ma setgħax jgħid għaliex. Meta l-Qorti osservatlu kif kien possibbli li bil-25-30 mil fis-sigħa seta' jieqaf f'distanza ħekk qasira, waqt li ddeċieda li jieqaf biss meta kien wasal ħdejn il-van, u allura biss induna li kienet van tal-M. & H. Dept., huwa pprova jispjega dan il-fatt billi qal li, meta ra l-van tirrallenta, irrallenta huwa wkoll għal 15-20 mil fis-sigħa, u biex jaqla' l-van ħareġ il-barra ħafna biex, jekk il-van jieqaf f'nofs it-trieq, ikollu post biex imur għal Żabbar. Din l-ispjegazzjoni mhijiex konvinċenti; għaliex ma għandux wieħed jippreżumi li l-van sejra tieqaf f'nofs it-trieq u timblukkaha; u jekk wieħed, per troppa kawtela, jipprevedi dan, qatt ma jagħmel il-manuvra ndikata mill-imputat, għaliex billi joħroġ il-barra, u mbgħad jikser u jaqta' t-trieq ta' dak il-van, ikabbar il-perikolu, billi jkun qiegħed jostruwixxi t-trieq tal-van, jekk dik ma tieqafx għal kollox;

Inoltre, barra minn Joseph Bonello, ix-xhieda kollha l-oħra jaqblu li l-van waqfet f'ċerta distanza l-bogħod minn fejn tibda t-trieq li tieħu għal Żabbar. Kif jirriżulta mir-relazzjoni peritali, minn 81 pied sa 42 pied u nofs mill-fanal li qiegħed fil-kantuniera. U għalhekk mhux anqas minn 42 pied. Minn dan jidher illi Dr. Hyzler ma setgħax kien beda jikser għat-trieq ta' Żabbar meta waqaf, u l-pożizzjoni tal-karrozza, meta waqfet inklinata lejn il-van, ma tistgħax tiġi spjegata b'daqshekk. Għalhekk jidher illi Dr. Hyzler waqqaf il-karrozza ħdejn il-van, fil-pożizzjoni normali ta' min ried jieqaf ħdejn il-van biex wieħed jista' jitkellem man-nies li kienu f'dak il-van;

Huwa sintomatiku wkoll il-fatt li Dr. Hyzler segwa d-diskors, kif qal huwa, bejn Barbara u Bonello sakemm dan qalilha li kien sejjer għax-xogħol u kien "established", u ma segwiex il-kumplament tad-diskors fejn issemmiet il-kelma "jaqilbukom" u l-kliem l-ieħor li, skond ix-xhieda, Barbara qalet b'vuċi aktarx għolja;

Jirriżulta wkoll illi Dr. Hyzler dik il-ġurnata, kif qal huwa stess, kien interessat filli jara illi li strike ikun effettiv. Infatti, waqt li kien Bormla, akkompanja l-Isla lil Pisani Rossi. L-imputat qal biss li jiftakar li kien ta lift

lil xi ħadd l-Isla; imma Pisani Rossi xehed li Dr. Hyzler staqsieh għalfejn kien sejjer, u dan qallu "għax qalu li ma hemmx pickets". Meta daqqet il-palomba, tela' fil-gallarija biex jara min kien dieħel għax-xogħol, u staqsa jekk dawk l-impjegati kienux "established". Huwa waqaf biex ikellem lil Joseph Borg, u staqsieh jekk l-affarijiet kienux mexjin tajjeb, u meta daħal il-Belt mar is-suq biex jara jekk li "stalls" kienux fetħu;

Minn dan l-isfond ta' fatti għandu jiġi nferit illi dan l-imputat għen liż-żewġ imputati l-oħra fir-reat ta' intimidazzjoni minnhom kommess, u l-"common accord" li bih kien jaġixxi l-imputat;

Huwa veru illi ma tingħatax kompliċità negattiva, fissens li ma jkunx kompliċi dak li jkun sempliċement u materjalment preżenti għall-kommissjoni ta' reat u ma jagħmel xejn biex jimpedieh. Iżda mill-kumpless tal-fatti jidher illi l-preżenza ta' Dr. Hyzler ma kienetx sempliċement materjali. Infatti, kien hu illi waqqaf, u b'hekk, taħt iċ-ċirkustanzi kollha fuq rilevati, irrenda possibbli r-reat; u ma setgħax ma kienx jaf li kienet qegħedha ssir intimidazzjoni fuq dawk l-impjegati; u ntant huwa ma għamel xejn li jindika diżassoċjazzjoni minn dik l-attività. Anki jekk f'ċertu mument huwa qal lil Barbara, jekk qal dawk il-kliem, "imxi mmorru, inħalluhom", jew "u imxi, ejja mmorru", kif qalet Barbara, dan mhux biżżejjed biex juri dik id-diżassoċjazzjoni, u r-reat kien ġa ġie kommess. Kieku verament ma kienx jipprevedi x'kien sejjer isir, kien ikun faċli għalieh li, malli Barbara ordnat lill-impjegati jinżlu, u għalhekk intebaħ x'seta' jiġri, huwa jsuq, u b'hekk jevita li Pullicino jinżel mill-karrozza;

Ġie prodott bħala xhud Dr. Vincenzo Tabone, li qal li s-Sibt ta' qabel Dr. Hyzler kien staqsieh kienx għamel xi distintiv għat-tobba biex ma jiġux molestati. Dan, jekk minn naħa juri li Dr. Hyxler xtaq li t-tobba ma jiġux impeduti li jeżerċitaw l-opera umanitarja tagħhom, minn naħa l-oħra juri li l-imputat kien qiegħed minn allura jipprevedi li nies oħra kienu sejrin jiġu molestati fl-attivitajiet tagħhom;

Illi, in vista tal-konklużjonijiet li għalihom waslet din il-Qorti, ma hemmx bżonn li tiġi nvestita l-kwistjoni jekk jirrikorrux il-forom ta' "besetting" u l-"persistent following", li ġew ukoll dedotti kontra l-imputati;

Rat ir-rikors tat-tliet imputati, fol. 115, 117 u 119 tal-inkartament, li bihom dawn appellaw mis-sentenza fuq imsemmija u talbu li tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Rat il-verbal fol. 132, li bih id-Difiża u l-Prosekuzzjoni, kwantu għall-provi, għamlu riferenza għan-notamenti tax-xhiediet meħudin mill-Maġistrat in prima istanza, wara li ġew riprodotti fuq talba tad-difiża x-xhieda msemmijin f'dak il-verbal;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, il-Qorti tiddeplora li fil-kors tal-argumenti saru xi allegazzjonijiet ta' preteżi irregolaritajiet mill-parti tal-Pulizija; liema allegazzjonijiet huma dijametralment kuntrarji għal dak li juru l-provi. Per eżempju, ġie allegat illi l-Pulizija ppruvat timpedixxi l-produzzjoni tal-Kapural Dalton bħala xhud intiż biex jinfiċja l-kredibbilità tax-xhud Carmen Camilleri, mentri jirriżulta li l-Ispettur Grech ta istruzzjonijiet biex dan ix-xhud jikkonferixxi ma' wieħed mid-difensuri, u li l-uffiċjal militari in kmand tal-"unit" ta' dan Dalton qallu li jkun "available" bħala xhud, u fil-fatt xehed. Ġie allegat ukoll li fil-każ ta' dawn l-imputati l-Pulizija pproċediet, eċċezzjonalment, b'arrest minflok b'ċitazzjoni, mentri l-verità hi li apparti li l-proċedura per mezz ta' arrest, f'każ simili, hi permessa mill-liġi (art. 359 tal-Kap. 12 Ediz. Riv.), fil-maġġuranza stragrandi, jekk mhux anki fit-totalità, tal-każijiet kriminali li nqalgħu in segwitu tad-disturbi tat-28 ta' April 1958, il-Pulizija, għal raġunijiet ovvji, ipproċediet bl-arrest;

Sar anki l-ilment li fit-trattazzjoni in prima istanza l-Pulizija porduċiet xhieda oħra wara li kienu diġà offrew u taw ix-xhieda tagħhom l-imputati, mentri l-verità hi li dawn ix-xhieda l-oħra tal-Pulizija ġew prodotti biex jik-

kumbattu ċirkustanzi deposti mill-imputati u mix-xhieda minnhom prodotti għad-diskariku, u li l-imputati kellhom, anki wara l-produzzjoni ta' dawn ix-xhieda l-oħra tal-Pulizija, l-opportunità kollha li jerġgħu jixhdu u jipproduċu xhieda oħra tagħhom, kif fil-fatt għamlu. Sar anki l-ilment, infondat, li, wara li ġiet mill-Ewwel *Qorti konċessa* lill-imputati l-iskarċerazzjoni provviżorja, il-Prosekuzzjoni sussegwentement kienet irrikjamat l-attenzjoni tal-Qorti tal-ewwel istanza dwar xi inċident li seta' jtellef dik il-libertà *provviżorja, mentri l-verità hi li, jekk il-Prosekuzzjoni* dehrilha li seta' kien hemm xi ċirkustanza simili, għamlet sewwa tissenjalaha lill-Qorti, għax kien dover tagħha, lilha mpost mill-liġi (art. 572 Kap. 12), li ġġib dan l-inċident quddiem il-Qorti. Qiesu wkoll li ried jingħata tort lill-Pulizija li wriet interess fil-produzzjoni tal-provi, mentri hu dmir tal-Pulizija, b'liġi, li tinvestiga r-reati, u li tiġbor il-provi (art. 358 ibidem), u anki li timpedixxi l-intorbidament ta' dawk il-provi;

Ikkunsidrat;

Il-provi okulari tal-inċident, li żvolġa ruħu f'Labour Road, imsejħa anki Girdle Road (ara pjanti tal-perit Bianchi fol. 31 et seq.), fit-28 ta' April li għadda, u li ta lok għal din il-kawża, jikkonsistu fid-depożizzjonijiet tas-sitt xhieda tal-Prosekuzzjoni — Paolo Mifsud, Carmen Camilleri, Joseph Bonello, Francis James, Emmanuela Farrugia, u Tessie Cutajar — u fid-depożizzjonijiet li fuq talba tagħhom taw l-imputati. Ix-xhieda Francis James, Emmanuela Farrugia, Paolo Mifsud, Joseph Bonello, u Tessie Cutajar, ċjoè ħamsa minn dawk is-sitt xhieda, ġew riprodotti, fuq talba tad-difiża, quddiem din il-Qorti. Ix-xhud James ikkonferma wkoll li "statement" li hu għamel lill-Pulizija (ara xhieda tiegħu in prima istanza, tarf tagħha), u li jinsab fol. 23 tal-inkartament. Anki x-xhud Paolo Mifsud ikkonferma (meno għal dettall wieħed insinifikanti) li "statement" li hu għamel lill-Pulizija (ara xhieda tiegħu in prima istanza, tarf tal-eżami), liema "statement" jinsab fol. 10 tal-inkartament;

Din il-Qorti tirrileva li l-Maġistrat, fil-kors tas-sentenża tiegħu, superjorment riportata, osserva li l-komporta-

ment ta' dawn ix-xhieda fil-pedana ("demeanour in the witness box") kien ("ipsissimis verbis") "tutt'altro minn ostili għall-imputati". Ma hemmx bżonn jingħad — għax hu elementari — wieħed mit-"tests of veracity" hu appuntu dak li fit-testi ngliżi jissejjaħ "the demeanour of the witness in the box" (ara Powell, On Evidence, p. 505 et seq.); kif appena hemm bżonn jiġi rilevat li l-Qorti tal-Appell għandha, "in linea di massima", tagħti piż kbir għall-apprezzament li jkun għamel tal-provi l-ġudikant in prima istanza (ibidem, p. 700 u 701). F'dan il-każ, din il-Qorti, stante t-talba tad-Difiża, qabel ma din aderiet għar-riferenza għan-notamenti tax-xhiediet, sabiex jiġu riprodotti xi xhieda, kellha l-vantaġġ li terġa tisma "viva voce" ħamsa minn dawk ix-xhieda, u setgħet hi stess tikkonstata kemm kien sewwa r-riljev tat-"trial magistrate" li x-xhieda kienu "tutt'altro minn ostili għall-imputati". Kuntrarjament għal dak li osserva wieħed mid-difensuri, dawn ix-xhieda wrew, bid-diportament tagħhom waqt li xehdu, li xtaqu jgħidu l-anqas possibbli li jaggrava l-imputati, kompatibbilment mad-dover tagħhom li jgħidu l-verità, u ma wrew ebda renitenza li, meta kien il-każ, jirrispondu favorevolment għall-mistoqsijiet tad-Difiża. L-ispjegazzjoni ta' dan l-atteġġjament tista' tinstab f'dak li qal ix-xhud Paolo Mifsud fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, meta, mistoqsi sabiex jispjega d-dewmien tiegħu li jgħid dak li kien jaf lill-Pulizija investigatriċi, irrisponda testwalment — "Għidtilhom li bżajt nixhed, speċi";

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti eżaminat attentament il-provi kollha, u ġiet għall-konklużjoni li fl-okkażjoni in kwistjoni l-imputata Barbara, wara li ċanfret l-okkupanti tal-van talli, non ostante li strike, kienu sejrin għax-xogħol, u qaltilhom biex jinżlu mil-van u ma jmorrux, kompliet tgħidilhom li, jekk ikomplu sejrin, hija tgħid lin-nies tar-Raħal Ġdid jaqilbulhom il-karrozza;

Dawn il-kliem, fil-fehma tal-Qorti, inkwadrati fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, jammontaw għar-reat ta' "intimidation" kontemplat fl-art. 24(1) (a) tal-Ord. IV tal-1945;

Fil-każ tal-liġi maltija, il-kelma "intimidate" f'din il-materja ma toffrix dik id-diffikultà ta' interpretazzjoni li setgħet talvolta toffri taħt il-liġi ngliża; talment li l-awturi Vester & Gardner sejħulha "troublesome" (Trade Unions and the Law, p. 63); u dan għaliex fil-liġi maltija dik *il-kelma hi definita fl-istess liġi,* li f'daqshekk ma segwietx il-liġi applikabbli għall-Ingilterra, li ma tatx ebda definizzjoni, imma segwiet minflok il-liġi applikabbli għal Northern Ireland, ċjoè t-Trade Disputes and Trade Unions Act (Northern Ireland), 1927; ċjoè tat l-istess definizzjoni leġislattiva; liema definizzjoni, fl-opinjoni tas-Citrine, "Trade Union Law", p. 402, "considerably widened" is-sinifikat tal-kelma "intimidation" (ara wkoll ibidem, p. 555, fejn hi riportata d-definizzjoni tal-liġi tan-Northern Ireland, identika għal dik tal-liġi maltija);

Fl-art. 20 tal-Ordinanza lokali, fuq imsemmija, jingħad hekk:— " 'To intimidate' means to cause in the mind of a person a reasonable apprehension of injury to him or to any member of his family, or to any of his dependants, or of violence or damage to any person or property". Huwa ovvju li l-kliem li ntqalu, fl-okkażjoni fuq riferita, mill-imputata Barbara, kunsidrati fihom innfushom u fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha, ma setgħux ma jġibux f'moħħ l-okkupanti tal-van dik ir-"reasonable apprehension" li jsemmi l-artikolu fuq ċitat. Hu ċert, infatti, li, kif inhu notorju, diġà minn ġranet qabel li strike kien hemm f'moħħ kulħadd il-biża' li jinqala' l-gwaj. Infatti, apparti li din l-apprensjoni ġenerali kienet ħaġa notorja (u għalhekk tista' tiġi "judicially' noticed"), hu sintomatiku li x-xhud Dottor Vincent Tabone irriferixxa li s-Sibt ta' qabel li strike (dan sar it-Tnejn) l-imputat Dr. Hyzler kien staqsieh jekk it-tobba kienux sejrin jagħmlu xi distintiv sabiex "ma jiġux molestati". F'lok ma dawn l-impjegati marru għax-xogħol bħas-soltu, dak inhar is-Suprintendent tal-Isptar tal-Mard tal-Moħħ kien ordna lix-xhud Paolo Mifsud, impjegat tal-Medical & Health Department, biex iġorr l-impjegati, fosthom ix-xhieda fuq imsemmijin, mid-diversi postijiet ta' residenza tagħhom, u jeħodhom l-Isptar għax-xogħol. Ftit wara li telqu minn Ħaż-Żabbar u qabdu Labour Road jew Girdle Road, l-okkupanti ndunaw li kienet ġejja karrozza li kien qiegħed isuqha l-imputat Dottor

Hyzler, li sa ftit ġranet qabel kien fil-Gvern Laburista bħala Ministru tas-Saħħa Publika. Indunaw ukoll li fiha kien hemm l-imputata Barbara, li wkoll kienet ministru fl-istess Gvern sa ftit ġranet qabel. L-okkupanti tal-van kienu Mifsud, driver fil-Medical & Health Department, Camilleri, nurse, Bonello, "mattress maker", James, barbier, Farrugia, servjenta, u Cutajar, impjegata bħal Camilleri, Bonello, James u Farrugia, fl-Isptar tal-Mard Mentali, li kien jiġi taħt id-Dipartiment ġa ġestit minn Dr. Hyzler bħala ministru;

Din iċ-ċirkustanza, tal-preżenza fil-car, ta' żewġ ex-ministri, ma setgħetx ma timpressjonax lill-okkupanti tal-van; għax dawn l-okkupanti ma setgħux ma jissoponux li dawk l-ex-ministri riedu jinfurzaw li strike indett bħala att ta' solidarjetà mal-Gvern Laburista dimissjonarju, u ma setgħux ma jħossux lejn l-ex-ministri s-sens ta' soġġezzjoni li kellhom għalihom bħala superjuri tagħhom sa ftit ġranet qabel. Tant hu hekk, li x-xhud Bonello, malli ra xi ħadd minn ġewwa l-car li kien qiegħed isegwihom jagħmlilhom is-sinjal biex jieqfu, xehed li qalilhom dawn il-kliem "la hemm Agata Barbara nieqfu"; u fil-fatt obdew u waqfu. Huma kienu, di pjù, jafu li dawk il-kliem tal-imputata Barbara ma kienux "an idle threat", għaliex dak inhar il-partitarji laburisti kienu qegħedin vigorożament jinfurzaw li strike ma' Malta kollha, u għax kien ċar li l-imputata Barbara ma kienetx, bħala membru ferm prominenti tal-partit laburista, qegħdha turi nteress każwali, imma qegħedha tinteressa ruħha biex li strike jirnexxi. Kien, għalhekk, fuq dan it-terren fertili ta' ċirkustanzi konkomitanti li ntqalu l-kliem fuq imsemmijin mill-imputata Barbara, li fil-waqt li qalithom ma setgħetx ma tkunx taf li, fiċ-ċirkustanzi li fihom kienet qegħedha tgħidhom, ikollhom effett. Ġie deċiż minn din il-Qorti u mill-Qrati tal-Iskozja (ara, għal dawn ta' l-aħħar, Agnew v. Munro, 1891, 28 Sc. L.R. 335), illi, għall-finijiet tar-reat ta' "intimidation" ma hemmx bżonn "actual fear", imma biżżejjed li l-kliem li jintqalu jkollhom il-"character" tali li jġibu l-apprensjoni tal-ħsara. Iżda fil-każ preżenti kien hemm "actual fear", għaliex fil-fatt il-van ma baqgħax sejjer għar-rotta tiegħu, imma dar lura għal Ħaż-Żabbar; u jirriżulta li l-okkupanti beżgħu u allarmaw ruħhom;

Lanqas hemm bżonn, kif sewwa rrilevat l-Ewwel Qorti, li l-awtur tad-dannu eventwali jkun dak stess li jintimidixxi, għax hu biżżejjed, taħt il-liġi maltija, li min jintimidixxi *jdaħħal fil-moħħ tal-intimidit l-apprensjoni* ta' dannu jekk hu ma jagħmelx dak li jkun qiegħed jgħidlu min ikun qiegħed jintimidieh;

Anki jekk in segwitu, x'ħin il-van, flok ma kompla sejjer għad-destinazzjoni tiegħu, dar lura għal Ħaż-Żabbar, xi ħadd tal-General Workers' Union ħalla lill-van imur l-Isptar, *dan ma jfisser xejn*; għax *ir-reat ta' intimidazzjoni* kien ġa konsumat; u għax ma hux neċessarju li min jintimidixxi jkun irraġġunġa l-iskop tiegħu (ara Citrine, loc. ċit., paġ. 401);

Id-difiża ssottomettiet li l-imputata Barbara ma riedetx ħlief tagħti parir lil dawk in-nies għall-ġid tagħhom. L-ewwel nett, kwalunkwe minaċċja tista' komodament, f'ċertu sens, tiġi msejħa parir; fis-sens li, jekk il-minaċċjat jagħmel jew ma jagħmelx dak li qiegħed jiġi lilu ordnat jew interdett, allura ma jsofrix ħsara; imma dan ma hux riljev li jista' jappella ruħu għall-bon sens u għall-liġi. It-tieni, il-kliem li ntqalu, u ċ-ċirkustanzi konkomitanti kollha, ma humiex remotament, u bl-akbar sforz *tal-immaġinazzjoni*, tali li jista' qatt wieħed għall-mument jinterpretahom bħala l-għoti ta' parir, kif fil-ħajja ta' kuljum nifhmu x'inhu parir amikevoli. It-tielet, kieku l-imputata Barbara kif riedet tagħti ad intendere fix-xhieda tagħha, spiċċat biex qalet lil dawk in-nies li, wara kollox, setgħu jagħmlu li riedu, biss aħjar ma jgħaddux mir-Raħal il-Ġdid, għax seta' jkun hemm l-inkwiet u jaqilbuhom, allura hija setgħet faċilment, fiċ-ċirkustanzi ta' dak inhar, meta l-partitarji tagħha kienu qegħedin jinfurzaw li strike ma' Malta kollha, tgħid lil dawk l-impjegati biex imorru għal affarihom, u jgħidu lil min jipprova jimmolestahom li hi kienet trid li huma jmorru għax-xogħol;

Fix-xhieda tagħha l-imputata qalet hekk:— "Staqsejtu (lil Bonello) kienx pensjonabbli, u qalli li le; u allura għidtlu 'tista' ma tmurx għax-xogħol'. Qalli 'Jekk ma mmurx aħjar għalija'; u għidtlu biex ma jmurx; żidt, però, li wara kollox jagħmel li jrid, però, jekk imorru, ikkonsil-

jajtu li ma jgħaddux mir-Raħal Ġdid, għax smajt li kien hemm l-inkwiet u jistgħu jaqilbuhom". F'dawn il-kliem, minbarra d-difiża ta'-għoti ta' sempliċi parir, hemm anki nvoluta d-difiża li l-imputata, meta rrakkomandat lil Bonello biex ma jmurx għax-xogħol, ma għamlitx ħlief dak li l-liġi tippermetti, ċjoè "peaceful picketing";

Id-difiża ta' "peaceful picketing", "ut sic", proprjament hi limitata għall-każ ta' "trade dispute" (Vester & Gardner, p. 63); imma ma hemmx bżonn li l-Qorti tidħol biex tara jekk f'dan il-każ li strike kienx "trade dispute" jew le, għax l-istess, fid-dritt komuni, jekk l-attijiet (apparti n-nomenklatura ta' "peaceful picketing") ikunu leċiti per sè, allura ma jistgħux jammontaw għal reat;

Issa, dan id-dritt tal-"picketing" ma hux affattu assolut. Jgħid is-Cirine, ibidem p. 429:— "It will thus be seen that the right to picket is a very intangible one, which is closely limited by the equal right of others to go about their lawful affairs free from obstruction, molestation or intimidation. The exercise of the right to picket is consequently fraught with certain inevitable difficulties and dangers . . . . ."

U l-Kenny (Outline of Criminal Law, p. 344), fejn jittratta fuq "Intimidation', f'dan il-kontest ta' "Strikes", jgħid hekk:— "While, apart from breaches of contract, a man is free to withhold his labour as he wills, he is not free to coerce others into withholding theirs. The right to work is as important as the right to strike';

U l-Vester & Gardner, loc. ċit., p. 61, jgħidu:— "It is fair and reasonable to try to persuade a fellow worker to join in a strike. It is improper to threaten him with violence if he refuses";

U l-Liġi Maltija fejn tittratta fuq "picketing" (art. 25(2) Ordza. ċitata), appuntu tipprojbieh, "inter alia", jekk

*isir "in such a manner as to be calculated to intimidate . . . . .";*

Anzi din il-Qorti tirritjeni li l-apparat kollu taċ-ċirkustanzi tal-inċident, ċjoè iċ-ċirkustanzi tal-pajjiż fil-ġranet ta' qabel li strike u fil-ġurnata ta' li strike, bl-effett tagħhom fuq is-sens ta' sikurezza personali, l-insegwiment tal-van mill-ċar misjuq minn ex-ministru, is-sinjali biex il-van jieqaf, is-sewqan tal-car b'mod li l-van ġie ostruwit, il-preżenza tal-imputata ex-ministru barra Dr. Hyzler, l-oppożizzjoni *li l-imputata wriet għall-fatt li huma kienu* sejrin għax-xogħol, l-ordni tagħha biex huma jinżlu mill-karrozza u jmorru lura d-dar bil-mixi, il-kwalità tal-okkupanti tal-van li sa ftit ġranet qabel kienu subalterni ta' rang baxx tal-imputata u Dottor Hyzler, dan kollu, waħdu, anki apparti mill-kliem l-ieħor tal-imputata, seta' anki jikkostitwixxi aġir "in such a manner as to be calculated to intimidate . . . . ." u bħala tali jikkostitwixxu appuntu r-reat ta' "intimidation". Infatti, ma hemmx bżonn tabilfors li l-minaċċja formanti l-materja tal-"intimidation", tkun "*verbali*", imma, *kif ġie deċiż mill-Qrati Ingliżi in Metcalfe* v. Wiseman (1888) 52 J. P. 439, il-minaċċja tista' tassumi l-forma ta' "an attitude"; u kif josservaw l-awturi Vester & Gardner fuq ċitati, p. 63, il-minaċċja tista' tkun "implied";

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li l-kliem li jirriżulta li qalet l-imputata Barbara, u anki l-atteġġjament tagħha kollu fl-apparat ta' ċirkustanzi fuq enumerati, jikkostitwixxi r-reat ta' "intimidation";

Ġew rilevati diversi ċirkustanzi li bihom id-difiża ssottomettiet li huma skreditati x-xhieda, partikolarment Camilleri, Bonello u James. Dwar daqshekk, din il-Qorti tagħmel tagħha l-osservazzjonijiet assennati tal-Maġistrat dwar kull ċirkustanza allegata kontra dawn ix-xhieda, u tasal għall-istess konklużjoni, li ċjoè bl-ebda mod ma' ġiet skossa l-kredibbilità tagħhom; u żżid tgħid dan. Hu risaput li xhud jista' ikollu lanjanza; imma dan ma jfisserx li, għax għandu dik il-lanjanza, allura bilfors jixhed il-falz, imma jista' jfisser biss *li*, jekk *forsi mingħajr dik* il-lanjanza ma kienx jitkellem u kien jgħatti l-fatt,

minħabba fiha hu jiddeċidi li jitkellem u jgħid dak li fil-fatt ikun ġara. Minbarra hekk, hu assurd li wieħed jippretendi li dawn is-sitt xhieda riedu jagħmlu speċi ta' konġura kontra l-imputati u jixhdu l-falz, meta ma kien hemm ebda ċirkustanza li turi dan. Wieħed ma għandux jinsa li dawn is-sitta minn nies ma tlaqqgħux fil-van għax ftehmu li jiltaqgħu, u ma kienux is-sitta ħbieb ta' xulxin, soltu jiltaqgħu, b'mod tali li seta' jgħaddilhom minn rashom li jagħmlu konġura, imma huma ltaqgħu fil-van kumbinazzjoni, bħala effett ta' li strike, bla ma kienu ħbieb speċjali ta' xulxin u bla ftehim u volontà tagħhom. Min irid jagħmel konġura, hu natura'i li jibda biex jagħżel biss lil min jafda u lil min jaf li għandu l-istess propensitajiet kriminużi u l-istess tendenzi malvaġi bħalu. Intqal mid-difiża li dawn ix-xhieda ma qablux f'xi ċirkustanzi. Jista' jkun li huma ma qablux f'xi ċirkustanzi li huma "adminicula", u forsi kien ikun aktar materja ta' suspett kieku kienu, kif jingħad, "qampiena waħda"; imma f'dak li hu sostanzjali għall-prova ta' dan ir-reat huma qablu. U jista' forsi jiżdied ukoll li, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-varjanti inverosimili li hemm fix-xhieda tal-imputati u r-retiċenzi kapibbli, ix-xhieda ta' dak is-sitta hija f'ċertu mod konfermata fis-sustanza tagħha anki bil-versjoni tal istess imputati;

Kwantu għall-imputat Pullicino, l-eżami tal-provi juri soddisfaċentement illi, fl-okkażjoni ġa msemmija, hu kien fil-car misjuq mill-imputat Dottor Hyzler, u li x'ħin dan il-car kien qiegħed isegwi l-van, dan l-imputat beda jagħmel sinjali lil dawk tal-van biex jieqfu. Meta dawn obdew is-sinjal u waqqfu, u wara li l-imputata Barbara minn ġewwa l-car kienet qaltilhom b'vuċi għolja l-kliem fuq riportat, dan l-imputat ħareġ mill-car. beda jċekċek malħġieġ fal-van, u qalilhom:— "Smajtu x'qaltilkom Miss Barbara, kif taslu r-Raħal Ġdid tgħidilhom biex jaqilbukom?" B'dan l-aġir u b'dawn il-kliem, mhux biss dan l-imputat kompla jġib f'moħħ dawk tal-van l-apprensjoni ta' ħsara fuq imsemmija, imma rrenda komuni għalieh, f'dak il-kontest uniku ta' azzjoni, l-intenzjoni tal-imputata Barbara, b'mod li ġie qiegħed jaġixxi magħha "in furtherance of a common design";

Tabilfors li dan l-imputat tkellem wara li kienet ġa tkellmet l-*imputata* Barbara; mhux biss għax is-sekwenza naturali tal-fatti u x-xorta tal-kliem li hu qal juru daqshekk, imma anki minħabba din iċ-ċirkustanza l-oħra li sejra tingħad. Dan l-imputat, infatti, fix-xhieda tiegħu, qal anki dawn il-kliem:— "Jiena kont inħossni l-anqas wieħed fost li konna fil-car; imma, meta niżlet Camilleri, mingħajr ħadd *ma qalli, inżilt jiena.* Kont *nistħi*". Issa, jekk hu kien qiegħed iħoss ċertu sens ta' soġġezzjoni minħabba li kien ma' żewġ ex-ministri, u kien qed iħossu *mistħi*, ċert li ma kienx sejjer ikollu l-ardir li jieħu "marte proprio" inizjattiva kriminuża, joħroġ mill-car, u jgħid kliem ta' minaċċja lil dawk tal-van, ammenokkè ma ħax kuraġġ mill-aġir u l-kliem tal-imputata Barbara, u ried jagħtiha l-appoġġ tiegħu;

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti sabet lill-imputat Dottor Hyzler ħati ta' kompliċità fir-reat ta' intimidazzjoni taħt l-art. 43(d) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkunsidra bħala kompliċi lil dak li, b'xi mod li jkun, xjentement jgħin jew jassisti l-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew konsumat. Id-difiża prinċipalment ikkontestat, għarrigward ta' Dr. Hyzler, l-element tax"scienter", li hu meħtieġ li jikkonkorri, għaliex hu ovvju li l-konkors materjali fid-delitt, bla ma jkun hemm il-konkors morali, ma jistgħax jintegra l-kompliċità fuq imsemmija;

Għas-soluzzjoni ta' dan il-pont jeħtieġ li l-ġudikant iżomm quddiem għajnejh ċerti prinċipji, li huma dawn:—

(a) Ma hux meħtieġ li jiġi pruvat li kien hemm xi prekonċert formali u preliminari bejn l-eżekuturi tal-fatt delittuż u l-kompliċi. "Non è poi indispensabile un formale e preliminare concerto o accordo tra esecutore del reato e complice. Se la volontà di chi esegue il delitto e la volontà di chi lo facilita sono dirette con certezza al medesimo risultato lesivo, deve ritenersi che ciò sia sufficiente, non essendo punto necessario il formale e preliminare accordo di volontà . . . . ." Dan il-prinċipju, enunċjat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fil-kawża Vitale e Arena, 13 ta' Awis-

su 1909, Riv. Pen. LXXI, 112, ġie ukoll minn dejjem segwit fis-sistema legali malti; kif ukoll ieħor, kontenut fis-sentenza ċitata, fis-sens li " . . . questa facilitazione volontaria può aver luogo anche istantaneamente nei reati istantanei . . . . . . ";

(b) Il-fatt li żewġ persuni jew aktar ikunu qegħedin jaġixxu "in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them" hu "a matter of inference," u "may be shown by the detached acts" ta' dawk il-persuni (ara Harris & Wilshere, Crim. Law, p. 44). L-istess jgħid il-Kenny, loc. ċit., p. 341:— " . . . . it rarely happens that the actual fact of the company can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly". U jkompli jgħid li għalhekk issir neċessarja "circumstantial evidence";

Ikkunsidrat;

Huwa utili, anzi neċessarju, li wieħed jippremetti x'kienu l-attivitajiet ta' Dottor Hyzler dak inhar, qabel ma nqala' l-inċident inkriminat. Kmieni, għal xi s-sitta jew is-sitta neqsin kwart ta' filgħodu, dak inhar ta' li strike, Dottor Hyzler, li għandu r-residenza tiegħu l-Belt, kien Bormla biex jara kif kienu sejrin l-affarijiet. Waqt li kien hemm, hu ta lift fil-car tiegħu lil ċertu Pisani Rossi, u marru l-Isla. Dan Pisani Rossi kien qal lil Dottor Hyzler li kien sejjer l-Isla għaliex "qalu li ma hemmx pickets". Meta daqqet is-sirena tad-Dockyard, hu tela' fil-gallarija tal-Labour Party Club ta' Bormla biex jara l-impjegati deħlin għax-xogħol id-Dockyard, u beda jistaqsi min kien "established". X'ħin ċertu Joseph Borg, President tal-General Workers' Union (Admiralty Section), kien ħdejn is-South Gate tad-Dockyard jagħmel is-"supervising" ta' dik l-area in konnessjoni ma' li strike, resaq fuqu Dottor Hyzler u staqsieh kif kienu sejrin l-affarijiet. F'xi ħin li fuqu x-xhieda ma jaqblux, Dottor Hyzler mar is-suq tal-Belt sabiex idur il-"market stalls" u jara jekk kienux għalqu in segwitu ta' li strike. Qabel l-inċident li ta lok lil din il-kawża, it-tliet imputati kienu telqu flimkien minn Bormla fil-car ta' Dottor Hyzler; l-imputata Barbara kienet marret hemm f'ħin insolitu, preżumibbilment in konnessjoni ma' l-istrike, u l-

*imputat Pullicino*, li hu minn Bormla, kien, qabel ma tela' fil-car, ħdejn il-Labour Party Club fuq imsemmi;

Premess dan li ngħad, il-Qorti tgħaddi issa biex tindaga jekk dan l-imputat, fl-inċident in kwistjoni, kienx, kif tipprentendi d-difiża, "un indifferente spettatore", ċjoè jekk l-intenzjoni tiegħu kienetx "innocentemente distinta", ossija kienx qiegħed jipparteċipa f'dak l-inċident "in furtherance of the common design";

*Hu ċert mill-provi* li dan l-imputat, kif ingħad, kien telaq minn Bormla, in kumpannija taż-żewġ imputati l-oħra, fil-car tiegħu li kien qiegħed isuq hu stess; dan il-car sussegwentement ħareġ minn Ħaż-Żabbar għal ġo Labour Road, u beda jsegwi l-van fuq imsemmija, li kellha fuq is-side tagħha miżbugħin l-ittri "M.H.D." (Medical Health Department), kull waħda twila tmien pulzieri. Hu ma setgħax ħaseb, kif stranament qal hu, li l-van kien qiegħed jiġi wżat mill-Pulizija jew mill-Commandos, għax *hu stess ra n-nisa, li kien hemm fih, iqumu u jħarsu lura. Hu ma setgħax ma ndunax* li l-passiġġier l-ieħor fil-car tiegħu, l-imputat Pullicino, kien qiegħed jagħmel sinjali lil dawk tal-van biex jieqfu, għax dawn is-sinjali Pullicino ma għamilhomx bil-moħbi. Dottor Hyzler, li (wieħed għandu jżomm f'rasu) l-perkors tal-car kien jiddependi minnu, waqqaf il-car tiegħu x'ħin waqfet il-van. Fix-xhieda tiegħu, billi evidentement hu rrealizza l-importanza ta' din iċ-ċirkustanza, ipprova jispjega għaliex waqaf, iżda qal biss li waqaf "istintivament, bla ma jista' jgħid għaliex" — kliem testwali tiegħu. Mistoqsi mill-Maġistrat dwar il-manuvra li hu għamel, Dottor Hyzler ta spjegazzjoni aktar inverosimili, li ġġib li, biex wieħed jaqla' karrozza, joħroġ il-barra u mbgħad jikser u jaqtgħalha t-trieq. Aktar tard qal li l-makna tal-karrozza ntfiet weħedha, għax hu għandu l-vizzju li japplika l-brakes bla ma jisklaċċja, u għalhekk jitfi l-makna. Fatt hu, għalhekk, li dan l-imputat waqaf għaliex din kienet parti minn dak li kien qiegħed isir, u għaliex kien neċessarju, għalbiex isir, li l-car jieqaf; u waqaf tant viċin li l-imputata Barbara setgħet tkellem lil dawk tal-van mill-car. Hu ċert li mbgħad, f'xi mument tal-inċident, Barbara qalet b'vuċi għolja l-kliem fuq riportati; iżda hu ċar li qalithom "qabel" ma l-imputat Pullicino niżel

mill-car, għax inkella ma kienx ikun hemm sens li dan Pullicino jgħid lil dawk tal-van "Smajtu x'qaltilkom Miss Barbara? kif taslu r-Raħal il-Ġdid tgħidilhom jaqilbukom?" Dottor Hyzler xehed li dawn il-kliem ta' Barbara ma semgħaħhomx; idża din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti, ma tistgħax taċċetta l-versjoni li hu ta dwar l-inċident; mhux biss għax ix-xhieda hija ferm serjament vulnerata mid-diversi diskrepanzi u inkongruwenzi li fis-sentenza, f'din inkorporata, irrilevat minutament u konvinċentement dik il-Qorti, imma anki għaliex hu inkredibbli li Dr. Hyzler, li żgur kien interessat f'dak li kien qiegħed isir, għax kien interessat fil-"picketing", kellu jisma biss dik il-parti tad-diskors li sar fejn ma ssemmietx il-kelma "jaqilbukom", u ma jismgħax il-kliem l-ieħor tal-imputata Barbara, almenu, li kienet warajh fl-istess car, u aktar viċin mill-oħrajn kollha tal-van li semgħuha;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-Maġistrat li minn dan il-kumpless ta' fatti għandu jiġi deżunt li Dr. Hyzler kien qiegħed jaġixxi "in pursuance of a common purpose", u dak il-"common purpose" kien li jiġu ntimiditi l-okkupanti tal-van. Jekk dan il-pjan kienx ġa jeżisti qabel l-inċident, jew jekk iffurmax ruħu "hic et nunc", ma hux rilevanti, għaliex ma hux neċessarju, assolutament, akkord preventiv;

Mhuwiex aċċettabbli dak li osserva d-difensur, li Dr. Hyzler, se maj, ried jikko-opera biss f' "peaceful picketing". Din il-Qorti diġà rrilevat li, anki jekk wieħed jammetti f'din il-kawża, in forza tad-dritt komuni (Citrine, p. 426), id-diskussjoni dwar il-"picketing", bla ma tiġi affrontata l-kwistjoni jekk li strike tat-28 ta' April li għadda kientx "trade dispute" ossija le, l-istess liġi teskludi l-"peaceful picketing" jekk dan isir "in such manner as to be calculated to intimidate". Issa, din il-Qorti diġà rriteniet li l-apparat kollu taċ-ċirkustanzi tal-inċident, anki, għall-mument, apparti l-kliem tal-imputati Barbara u Pullicino, ċjoè l-fatt li minn ġranet qabel li strike l-imminenza annunzjata ta' dan li strike kienet ġiebet fil-paijiż ċerta preokkupazzjoni żgur kienet f'moħħ l-okkupanti tal-van, peress li kienu sejrin għax-xogħol li l-impediment tiegħu kien

oġġett ta' li strike, l-insegwiment tal-van mill-car, il-fatt li dak il-van kien misjuq minn ex-ministru, u li fih kien hemm ex-ministru oħra, sa ftit ġranet qabel "in potere", il-kwalità ta' subalterni tal-okkupanti, il-mod ta' kostrinġiment li bih il-van ġie miżmum, ir-riżentiment li wriet l-imputata Barbara meta staqsiet il-għaliex kienu sejrin għax-xogħol malgrado li strike, l-ordni tagħha biex jinżlu mill-van u jmorru għal għonq it-trieq, ir-reazzjoni mbeżżgħa tal-okkupanti, dan kollu ma setgħax, anki apparti l-kliem li ntqal sussegwentement, ma jġibx fil-moħħ ta' Dr. Hyzler il-persważjoni li si trattava, mhux ta' "peaceful picketing", imma ta' "picketing" tali li skond il-liġi kien fih innifsu jikkostitwixxi r-reat ta' "intimidation".. Aktar u aktar dan hu veru meta mbgħad Barbara u Pullicino qalu l-kliem fuq riportati; u, kif ingħad, Dottor Hyzler ma setgħax ma semgħax il-kliem almenu ta' Barbara, u ma setgħax ma jindunax bil-fatt ta' Pullicino, li niżel mill-car biex jirribadixxi l-kliem minaċċjużi tal-imputata Barbara. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistgħux ma jwasslux għall-konklużjoni li dan l-imputat kien qiegħed jaġixxi bi skop komuni mat-tnejn l-oħra;

Il-fatt li Dr. Hyzler ma qalx kliem ta' intimidazzjoni ma hux rilevanti; għaliex hu ammess fil-ġurisprudenza, segwita mill-Qrati ta' Malta, illi anki s-sempliċi preżenza, meta mhijiex dik ta' "indifferente spettatore", tista' tammonta għal kompliċità meta tkun b'xi mod iffaċilitat ir-reat jew intimidiet is-suġġett passiv, jew b'xi mod ieħor kienet effikaċi (ara Riv. Pen. Loc. ċit.; u Carrara, Programma, Parte Generale, Vol. I, para. 469). F'dan il-każ Dottor Hyzler, li kien isuq il-car, bl-insegwiment tal-van, u billi waqqaf ħdejn il-van, kien qiegħed jippresta "una materialità facilitatrice del reato"; u bil-preżenza tiegħu, bħala li sa ftit ġranet qabel kien ministru fuqhom, li kienet indubbjament iġġib soġġezzjoni lil dawk tal-van, hu għen biex ikun fertili t-terren tal-intimidazzjoni tagħhom. Xejn ma jimporta li l-preżenza tiegħu kienet "att negattiv"; għax, għalkemm ma hijiex ammessa l-kompliċità negattiva, hi però ammessa mill-Qrati l-"compliċità per atti negativi" (ara Maino, Vol. I, para. 347; Pincherle, Manuale di Diritto Penale, paġ. 62, para. 92; Crivellari, Vol. IV, art. 64, paġ. 141);

Id-difiża, fil-kors tad-diskussjoni ippressat ukoll l-argument li, anki kieku Dottor Hyzler iddiżapprova, hu ma seta' jagħmel xejn. Dan ma hux argument li jikkonvinċi. Bl-awtorità ta' ministru friska fuqu, u bħala membru prominenti tal-Partit li kien qiegħed isostni li strike, hu seta', kieku ried verament jiddiżassoċja ruħu, jinżel mll-car u jgħid lill-impjegati fil-van biex imorru għax-xogħol tagħhom; u f'dawk il-granet, kif kienu l-affarijiet, ħadd ma kien iżommhom jew jimmolestahom, bis-salvakondott tiegħu; imma, "ex confessis" (ara xhieda tiegħu), malgrado li sa ftit granet qabel hu kellu t-treġija tal-ministeru li taħtu kien jiġi l-isptar fejn kienu mpjegati, u li ma setgħax ma jkunx jaf kemm kien essenzjali x-xogħol tagħhom f'dak l-isptar, hu ma qalilhom xejn. Il-Qorti tapprezza li l-inazzjoni, weħedha, ma hix per sè kompliċità; imma tapprezza wkoll illi, meta dik l-inazzjoni titqies fuq l-isfond taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tista' tkun indizju qawwi ta' "participation in a common purpose";

Ġie deċiż f'dan is-sens (u din il-Qorti taqbel mill-Qrati Ingliżi) in materja ta' "a principal in the second degree", li jikkorrispondi għall-kompliċità li hi kontemplata f'din issentenza — infatti "a principal in the second degree is one who is present at the commission of a felony and aids and abets its commission" (Archbold, Crim. Plead. Evid. & Princ., 1943 edition, paġ. 1428). Intqal hekk:— "But the fact that a person was voluntarily present witnessing the commission of a crime, and offered no opposition to it, though he might reasonably be expected to prevent it and had the power to do so, or at least to express his dissent, might in some circumstances afford cogent evidence upon which a jury would be justified in finding that he wilfully encouraged, and so aided and abetted the crime" — R. v Coney, 8 Q.B.D. at p. 539;

U l-istess ġie ritenut mill-Qrati Taljani:— "La mancata denuncia non costituisce per sè stessa una forma di partecipazione, ma può soltanto costituire un altro degli argomenti per inferirne il consenso nel reato" (Riv. Pen. XXXVI, p. 408);

Intqal li dan l-imputat qal li kliem "Imxu mmorru, in-

ħalluhom". Dan jirriżulta biss mix-xhieda tiegħu, għax ix-xhieda tal-ko-imputata Barbara fl-istess ġudizzju ma hix prova (ara App. Krim. Pul. vs. Nicholas Grima, 31.5.1958); u ġa ntqal li, minħabba d-diskrepanzi u l-inkongruwenzi rilevati, ix-xhieda ta' dan l-imputat ma hijiex tant attendibbli. Imma, anki kieku kienet, l-ewwel nett il-kelma "inħalluhom" (u mhux "Ħalluhom"), fil-waqt li takkomuna lilu nnifsu fl-azzjoni, tista' wkoll, xi minn daqqiet, tindika, fil-lingwa maltija, riferenza għall-persuna li tkun qegħedha timmolesta lil ħadd ieħor; it-tieni nett, dawk il-kliem ma jindikaw ebda diżassoċjament effettiv; u t-tielet, ir-reat kien ġa ġie konsumat;

Kwantu għat-talba tad-difiża għar-riduzzjoni tal-piena;

Id-difensur tal-imputata Barbara żgur kien taħt impressjoni żbaljata meta talab li tiġi meħuda in konsiderazzjoni minn din il-Qorti d-durata tal-karċerazzjoni preventiva; għaliex, meta l-Ewwel Qorti rrogat il-piena, hi qalet fis-sentenza espressament li kienet qegħedha tieħu in konsidrazzjoni l-perijodu li għalieh l-imputati kienu taħt arrest, u hu ovvju li dan il-perijodu ma jistgħax jiġi dedott darbtejn. Meta sar l-appell, l-imputati, li kienu ġew ri-arrestati, talbu u ottenew il-libertà provviżorja;

Għall-bqija, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni valida biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Maġistrat fil-latitudini tal-piena;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell tat-tliet imputati u tikkonferma, fil-konfront tat-tlieta, is-sentenza appellata.